MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2715/2002

**George Xuereb**

**Vs**

**CJP Tarmac Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru 2002 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm150 (mija u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti ta' danni sofferti fi propjeta` ta' l-attur.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) rapprezentanti danni sofferti mill-attur meta s-socjeta` konvenuta kienu qeghdin jaghmlu xoghol fi Sqaq il-Burzett Zabbar u kawza ta' negligenza u traskuragni min-naha

tas-socjeta` konvenuta saret hsara fil-bir ta’ l-attur u tilfet l-ilma kollu.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dana stante illi s-socjeta` konvenuta mhux responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur billi l-imsemmija danni ma sehhewx bhala rizultat tat-traskuragni tas-socjeta` konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-attur jippretendi li s-socjeta` konvenuta thallsu s-somma ta’ mija u hamsin Lira (Lm150) in linea ta’ danni kagunati fil-bir tad-dar tieghu f’Haz Zabbar. Dana per konseguenza ta’ xoghol fit-triq adjacenti ghal propjeta` tieghu fejn kellu l-bir.

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm qablet li ghamlet xoghol fil-vicinanzi, ma kienitx responsabbli ghal hsara ghax ma kienitx traskurata.

Jigi rilevat li din mhux kwistjoni ta’ traskuragni o menu. Il-hsara saret kagun u konsegwenza naturali tax-xoghol maghmul minnha u ghandhu jigi risarcit. Ma sarx fortwitatament.

Qed tigi mitluba s-somma ta’ mija u hamsin Lira (Lm150) bhala hsara, somma kalkolata per vista mill-perit tal-attur. Kien l-istess attur li ghamel ix-xoghol. Id-dannu ghandhu jigi minimizzat, u sempliciment biex tigi kumpensata l-hsara, mhux bi skop ta’ lukru. Arbitrio boni viri, it-Tribunal jilikwida d-danni fis-somma ta’ hamsa u sebghin Lira (Lm75).

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta’ hamsa u sebghin Lira (Lm75).

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------